# Paqq-pumm Lejlet il-Milied

----------------------------------------------------------------------

Trevor Zahra

----------------------------------------------------------------------

*recta bbazata fuq*
***BANG GOES CHRISTMAS***
*ta' James Walter Blakely*

----------------------------------------------------------------------

*Jiehdu Sehem:*

| | |
|---|---|
| Anton Pisani (neguzjant) | |
| Klara Pisani (martu) | |
| Melissa (binthom; ta' 14-il sena) | |
| Albert (binhom; ta' 12-il sena) | |
| Karmena Tabone(il-kugina ta' Klara) | |
| Mandy (bintha; ta' 14-il sena) | |
| Freddie (binha; ta' 12-il sena) | |
| Is-Sur Pizzuto Manara (neguzjant) | |
| Is-Sinjura Pizzuto Manara (martu) | |
| Is-Sur Ferrante (neguzjant) | |
| Is-Sinjura Ferrante (martu) | |
| Gladys (seftura) | |
| Charlie (butler) | |
| Father Christmas / Tallab (l-istess persuna) | |

***Xena wahda:***
Is-salott tal-familja Pisani. Xi sufanijiet. Sigra tal-Milied go rokna. Fuq tavolina hemm recipjent bil-karawett u *bowl* bil-*punch*. Fuq tavolina ohra vaska b'huta go fiha (huta tal-plastik), telefon u notebook. Kaxxa *tissues* fil-qrib. Xi tizjin tal-Milied.

## RECTA F'ATT WIEHED

***Malli jiftah is-separju, Albert u Melissa jkunu qed izejnu s-sigra. Klara u Anton idendlu xi tizjin iehor mas-saqaf. Klara tippanikja. Anton aktar indifferenti.***

KLARA — Hallejna kollox ghall-ahhar. Ara kemm ili nghidilkom jien biex dat-tizjin illestuh minn kmieni.

ANTON *(kalm)* U tibzax... tibzax. Kollox nilhqu llestu. Baqa' saghtejn ohra.

KLARA Dazgur imma dawk ix-xjafek ta' murtaletti tieghek ilek gimgha li xtrajthom.

ANTON *(b'entuzjazmu)* Eh, imma dawk mod iehor!

ALBERT *(jersaq lejn missieru)* Tassew li n-nannu kien dejjem jaghti l-murtaletti nhar il-Milied?

ANTON Mela x'inhu. Dejjem hekk niftakru. Nhar il-Milied filghodu, malli jdoqqu t-tmienja arah jitla' fuq il-bejt u jtella' nofs tuzzana murtaletti. U meta n-nannu marad, beda jtella' l-murtaletti missieri. Kulhadd kien ikun jistenniehom.

MELISSA *(tersaq hija wkoll hdejhom)* U int bqajt izzomm it-tradizzjoni..!

ANTON Hekk hu. Ghalija l-Milied ma jkunx komplut minghajr dawk il-murtaletti mat-tokk tat-tmienja.

KLARA Periklu... dak li huma! Nittama li hallejthom fil-bitha.

ANTON Iva, fil-bitha qeghdin. Hemm kaxxa tal-kartun b'salib ahmar fuqha. Tmissuhomx. Insomma... wara kollox, murtaletti zghar kulma huma... xejn ta' barra minn hawn.

KLARA *(tibdel it-ton tad-diskursata)* Ajma nhoss rasi se tinqasam bil-hsibijiet. Nittama li kollox imur tajjeb ghall-ikla tal-lejla.

ANTON Inti tassew tinkwieta zzejjed!

KLARA Ninkwieta, mela le! Dak ghax irrid li nhallu impressjoni tajba mal-mistednin. Is-Sur u s-Sinjura Ferrante jehtieg inzieghlu bihom.

ANTON Minn daqshekk veru. Biex tirnexxili dik il-bicca negozju kbira, is-Sur Ferrante jrid ikun. Minnu jiddependi kollox. U s-Sur Pizzuto-Manara jittama li jidhol bi shab mieghi.

KLARA Mela ghandi ragun nithasseb, hux tassew? Is-Sinjura Pizzuto-Manara mara *high-class* u rridu nuruha li nafu kif imorru l-affarijiet. Ara, ejja nergghu naghtu daqqa t'ghajn il-lista, biex inkunu certi li ma hallejna xejn barra.
*(Iggib karta minn x'imkien u tibda taqra. Anton imur jintelaq fuq is-sufan b'nuqqas ta' interess)*

| | |
|---|---|
| KLARA | Il-Father Christmas? |
| ANTON | OK... cempilna l-agenzija u ghandhom jibghatulna ragel fl-ghaxra u nofs. Wara kollox, din tal-Father Christmas naraha zejda. |
| KLARA | Kif zejda?! Haga sabiha li jigi u jqassam ir-rigal hu. |
| ALBERT | Ma setax libes il-papa'? |
| KLARA | Int tindahalx u kompli fuq xoghlok. Ma tarax li ma jixraqx li missierek joqghod jitbellah. Dak irid ikompli mal-mistednin. Mela.... *(tkompli taqra mil-lista)* is-seftura u l-Butler! |
| ANTON | Suppost ikunu hawn daqs siegha ohra. |
| KLARA | Iz-ziju Gorg! Nittama li ma jwaqqaghlniex wiccna l-art... hu u Karmena u t-tfal. |
| ANTON | Klara, liz-ziju Gorg ukoll irridu nzieghlu bih. Jekk ma jislifnix dawk l-ghaxart elef lira li tlabtu, addio l-bicca negozju li qed nippjanaw. |
| KLARA | Iva, imma ma nafx ghalfejn talabna biex igib mieghu lin-neputija u t-tfal. |
| ANTON | Ma tafx int... Karmena armla u z-ziju Gorg ihobbha hafna. |
| KLARA | Ma tantx fiha xi thobb daqskemm hi hamalla... u dawk iz-zewgt itfal psataz li ghandha. Imma nsomma, la darba z-ziju ried igibha jkollna nitqannew biha. |
| | ***ICEMPEL IT-TELEFON.*** |
| KLARA | *(tmur tigri tirrispondih)* Helow. Iva is-Sinjura Pisani. X'inhu? Kif ma tistghux tigu. *(iddur fqu zewgha)* Is-seftura u l-Butler ma jistghux jigu. *(tkompli mat-telefon)* Imma din mhix serjeta'. Kif... allura morda t-tnejn? *(terga' ddur fuq zewgha)* Morda qed tghid! *(tkompli mat-telefon)* Imma issa ahna x'se naghmlu? Saghtejn ohra jkollna n-nies u dawn se jkunu mistednin importanti hafna ghalina. Nies maghrufin ma' Malta kollha. Helow! Helow! ? *(terga' ddur fuq zewgha)* Qatghu! Issa x'se naghmlu? Donnha qalbi hebritni li xi haga se tmur zmerc. |
| ANTON | Ara kif naghmlu... cempel lil dik l-agenzija mnejn krejna l-Father Christmas. Min jaf, forsi jistghux jibaghtulna zewg sefturi. |

KLARA Hekk jaqbel. Fejn hu n-numru ta' l-agenzija?

ANTON Hemm qiegħed fuq in-*notebook*. Miktub bil-biro ħamra.

***Waqt li KLARA tmur iċċempel, ALBERT u MELISSA jersqu ħdejn missierhom.***

MELISSA Qatt ma rajt lill-mama' eċċitata daqshekk.

ANTON Insomma, għandha biċċa raġun, għax l-erba' mistednin li se jkollna l-lejla huma nies importanti ħafna fin-negozju tagħna. Jeħtieġ nimpressjonawhom.

ALBERT U Karmena u t-tfal tagħha?

ANTON Heqq... kif qalet il-mama', ikollna nitqannew biħom ladarba z-ziju Ġorġ twebbel li jrid iġibhom miegħu. U intom qisu li liz-ziju Ġorġ iżżegħlu bih.

MELISSA X'suppost nagħmlu biex inżegħlu bih?

ANTON U jien naf.... għidulu kemm hu liebes pulit...

MELISSA L-aktar jekk jiġi b'dik il-libsa s-sewda, qisu bekkamort...

ANTON Għidulu kemm jidher smart, li dejjem insemmuh...

ALBERT Biex ngħidu dawk il-flus kollha li għandu x'jambihom....

KLARA *(lestiet it-telefonata)* Kollox sew. Se jibgħatulna seftura u butler. Imma rridu nħallsuhom għaxar liri extra "for short notice" qal.

ANTON Ġejja għolja din l-ikla tal-lejla, qed ngħid.

KLARA *(lit-tfal)* Ara, intom issa morru fil-kamra tagħkom u araw li kollox f'postu.

ALBERT Mela se ddawruhom id-dar kollha??

KLARA Iva se ndawruhom id-dar kollha. Issa igru lejn kamartkom.

***ALBERT u MELISSA jitilqu.***

***ICEMPEL IT-TELEFON. KLARA tmur tirrispondi***.

KLARA Helow. *(B'ferħa artifiċjali u esaġerata)* Heeelooow ziju Ġorġ, kif inti? *(lil żewġha)* Iz-ziju Ġorġ. Il-Milied it-tajjeb. Ftit ilu konna qed insemmuk.... Anton qalli, "Qiegħed fuq ix-xwiek biex nara liz-

ziju!" Kif? Mintix gej? (Qed jghid li mhux gej) Hiii kemm qed jiddispjecini. Se nimmissjawk. Jiddispjecni li ma tiflahx. (Ma jiflahx)....

ANTON — Hawn xi virus, donnu!

KLARA — Kollox sew... Kif? Karmena u t-tfal gejjin xorta wahda? Le, le ma jimpurtax! *(taghmel hafna mossi ta' "Dizappunt" lil zewgha)* Dazgur li niehdu hsiebhom u nduru bihom. Ma tarax! Hekk hu. Armla miskina. Dazgur li mhux sew tqatta' l-Milied wahidha. Halli f'idejna ziju Gorg. Halli f'idejna. Iva. Iva. Iva. Grazzi. Grazzi ziju Gorg. Ghada nigu nittawlulek ftit. Ara qis li ma titperricx tafx. Oqghod ghas-shana. Caw zi... Caw qalbi! *(Tpoggi t-telefon f'postu).*

Ta' lanqas hsilna minn wiehed. Imma Karmena u t-tfal gejjin xorta wahda. Tghidx kemm dam jghidli biex niehdu hsiebhom.

ANTON — Indunajt. Qallek xi haga dwar il-flus li tlabtu?

KLARA — *(b'sodisfazzjon)* Iva qalli.

ANTON — *(eccitat)* X'inhu?? X'qallek? X'qallek?

KLARA — Qalli: "Dwar dawk il-flus hallu kollox fi hsiebi!" Qalli: "Jien dejjem inhobb nghin lil min l-aktar jisthoqqlu!"

ANTON — Prosit... mela mid-dehra nistghu nserrhu rasna.

***ICEMPEL IL-BIEB*.**

KLARA — Tghid waslu s-sefturi?

ANTON — Mela hsibthom gejjin bl-airmail.

***JIDHOL ALBERT***

ALBERT — Ma waslu s-sefturi.

ANTON — Haqq ix-xjafek... mela mhux bl-airmail gew imma bl-e-mail.

KLARA — Ghidilhom jghaddu. *(lil zewgha)* Qed tara... <u>dan</u> nghidlu servizz, jien... servizz fil-pront. Efficjenti!

***JIDHLU CHARLIE u GLADYS***

CHARLIE — Is-Sinjura Piscopo?

GLADYS — *(lil Charlie)* Le, Psaila, qalilna.

CHARLIE Jew Portelli?

KLARA Pisani! Is-Sinjura Pisani.

CHARLIE Iva.. ghandek ragun. Issa qed niftakar! Kelli z-zija t'ommi Pisani. Ma nafx kif insejt.

KLARA Ersqu 'l hawn. *(Lil GLADYS)* X'jismek int!

GLADYS Gladys Mrs.

KLARA U inti?

CHARLIE Charlie... jghiduli l-Karrakka; ghax missieri kien bil-karozza tal-linja.

KLARA Intom gieli ghamiltu xoghol bhal dan qabel?

GLADYS Jien kont seftura mat-tabib Azzopardi. Dak li kienet telqitu l-mara... tiftakru? Kienu gabuha fil-gazzetti ghax harbet ma' wiehed artist tat-talkies... insejt x'kien jismu; dak li kien hadem fil-film ta' Dracula....

KLARA *(tidhol fuq kliemha. Lil Charlie)* U inti...??

CHARLIE Jien kont bil-Bar tal-kazin tal-futbol. Kont anki naghmlilhom il-hobz biz-zejt u l-bigilla.

KLARA Imma qatt ghamilt xoghol ta' Butler?

CHARLIE Gieli kahhalt xi faccata ta' dar jew haffirt xi bir bil-kompressur.

KLARA *(lil zewgha)* Maghmula taghna! Dawn ma jafu xejn!

ANTON Issa m'hemmx x'taghmel. Ikollna nikkuntentaw bihom.

KLARA Melissa... ejja ftit 'l hawn.

***TIDHOL MELISSA***

KLARA Melissa, mur aghtihom dawk l-uniformijiet li hemm fl-*ispare bedroom (lis-sefturi)* Ara issa s-Sinjorina Melissa se taghtikom uniformijiet x'tilbsu *(aside)* forsi jidhru ftit suret in-nies.... Imbaghad ergghu ejjew ha nghidilkom x'ghandkom taghmlu..

CHARLIE Kollox sew Mrs Piscopo!

KLARA PISANI!

CHARLIE Iwa bil-haqq, bhaz-zija t'ommi.

***MELISSA, CHARLIE u GLADYS jitilqu.***

KLARA Jien qalbi ma tehbirnix ta' xejn. Illum bic-cajt se nispiccaw! Imisshom jisthu ta' l-agenzija jibaghtulna lil dawn.

ANTON *Short notice*... xi trid taghmel.

***ICEMPEL IL-BIEB***

KLARA X'wahda din... tghidlix li ga waslu l-mistednin. Ghadu l-hin!

ALBERT *(minn gewwa)* Ma, hawn wiehed ragel xih tallab.

KLARA Xih tallab? X'affarijiet dawn! Tih ten cents u ibaghtu 'l barra. Nittama li ma meliex l-intrata kollha tajn.

***ALBERT jittawwal mill-bieb***

ALBERT Talabni ndahhluh ftit jistrieh ghas-shana.

KLARA X'affarijiet dawn!

ANTON *(lil ALBERT)* Ghidlu jidhol ftit, basta ma jdumx.

***ALBERT jitlaq***

KLARA Issa gie jinqala' dat-tallab? Mela llum ghad hawn lok it-tallaba, x'kull wahda. Ghax ma marx ingabar f'xi dar tax-xjuh.

***JIDHLU ALBERT u t-TALLAB.***

TALLAB Skuzawni, sinjuri. Kemm inserrah ftit riglejja biss. Waqghet il-kesha l-lejla.

KLARA Albert tih siggu lil hemm ara *(turih ir-rokna tal-kamra)* Malli jitlaq induru kullimkien bl-Air Freshener.

***ALBERT jaghtih siggu u wara ftit jerga' lura lejn kamartu***

ANTON *(lit-tallab)* Trid ingiblek xi haga shuna?

KLARA Toqghodx tiffittah. Mhux ga qallek li jserrah ftit riglejh biss kull ma jrid.

TALLAB Li ma rrid xejn grazzi. Nistrieh ftit, biss. Daqt inhallikom fil-kwiet.

KLARA Hekk hu, forsi ghandek min jistenniek.

TALLAB Le... m'ghandi lil hadd.

ANTON Forsi uliedek.

TALLAB L-Awstralja.

ANTON Imma martek, hutek, jew in-neputijiet??

TALLAB Le... kollha mietu.

KLARA Anton, hallih u toqghodx tiffittah. *(minn taht l-ilsien)* Toqghodx izzommu bid-diskors ghax aktar idumilna ma' saqajna.

ANTON Qed nghid iz-ziju Gorg miskin ukoll jinsab wahdu.

KLARA Mhux hu ma giex. Ahna stedinnieh. X'ridtna naghmlu aktar?

ANTON Imma ma jiflahx.

KLARA U dak mhux dejjem ma jiflahx? Daqqa l-artritre, daqqa l-istonku, daqqa dahru, daqqa rasu... u nahseb li lkoll se mmutu qablu u nirtu xejn.

ANTON U ma tarax. Mela nsejt li z-ziju llum qed iqarreb it-tmenin. Hemm inti... rega' ma jiflahx il-lejla.

KLARA U mn'Alla ghax kont qed nibza' li jwaqqghalna wiccna l-art quddiem is-Sinjuri Ferrante u Pizzuto-Manara. Bil-flus kollha li ghandu xorta injorant baqa'.

ANTON Iz-ziju qatt ma kien tajjeb ghal quddiem is-socjeta'. Hajtu kollha ghex man-nies tal-barrieri u baqa' selvagg....

TALLAB Se nhallikom jiena.

ANTON Sejjer diga???

KLARA Dazgur... strah bizzejjed. Hux tassew nann? Dak ghadma tajba, mhux bhalna. Ma jkollux bzonn hafna mistrieh.

ANTON Iva, stenn ha naghtuk xi haga. Mhux sew inhalluh imur b'idu vojta, lejlet il-Milied.

KLARA *(Minn taht)* Xi tridni naghtih?

ANTON Xi rigal... xi haga. Tghid naghtih hames liri?

KLARA — Taghtih hames liri!!!! Albert.... Albert

***JIDHOL ALBERT***

KLARA — Hemm dak il-qalziet l-imqatta' li konna se narmu. Fl-armarju ta' taht it-tarag qieghed. Mur gibu.

***ALBERT Jitlaq.***

TALLAB — Ghalija toqoghdux thabblu raskom, tafux.

KLARA — Zewgi qalbu tajba hafna u jhobb jaghmel ftit tal-karita' ma' nies bhalek. Ghalikom kollox jghodd, mhux hekk?

Jidhol ALBERT b'qalziet kollu rqajja' f'idu.

ALBERT — Ghal dan qed tghid, ma?

KLARA — *(Tohodhulu minn idu u taghtih lit-tallab)* Hawn, ha. Dejjem ahjar minn dak li ghandek fuqek. U jekk thoss hafna bard ilbishom it-tnejn fuq xulxin.

TALLAB — Grazzi sinjuri.. u l-Milied it-tajjeb.

ANTON — Sahha, sieheb sahha.

***TALLAB jitlaq***.

KLARA — Piff x'riha tinten. Melissa gib l-*Air Freshener.*

ANTON — Messna tajnieh imqar hames liri.

KLARA — Mela inti l-flus qed issibhom barra? Hames liri... x'kull wahda! Biex imur jonfoqhom f'xi hanut tax-xorb!

***Tidhol MELISSA tisprejja***.

Wara ftit JIDHLU CHARLIE u GLADYS libsin uniformijiet koroh li lil wahda tigiha bahar u lill-iehor tigih issikkata.

CHARLIE — Hawn ahna Mrs.... hmmm...

KLARA — Pisani! *(lil Gladys)* Ara int l-ewwel nett mur hu hsieb il-*fireplace* fil-kmra ta' l-ikel. Hemm kannestru bil-hatab, qis li tixhet ftit hatab kull meta jkun hemm bzonn. Thallix in-nar jitbaxxa, ghax waqt l-ikla rrid li jkollna l-*fireplace* jaqbad. Imbaghad mur fil-kcina u aghti daqqa t'ghajn il-forn. Bil-haqq. Jekk ikollkom bzonn tifthu l-bitha ara li ma ddahhlux il-kelba jew il-qattus.

GLADYS Kollox sew Mrs. M'ghandex cans niftah il-bieb tal-bitha ghax jien tghidx kemm nibza mill-klieb. Meta kont zghira kien tela' mieghi buldok daqs xifajk, kien fih daqshekk ara; kien carratli l-libsa u kelli katina tad-deheb li kienet tathieli l-parrina fil-maghmudija, kien gabhieli trietaq. Tghidx x'qatgha kont hadt. Kienu hasbuni minix se nitkellem aktar.

KLARA Imma mid-dehra fiqt sewwa! Issa mur ara x'ghandek taghmel.

GLADYS Kollox sew Mrs. *(tahbat hierga)* Il-*fireplace* se nsajru fuqu?

KLARA Le!!!! Dak ghas-shana qieghed u biex jaghmel atmosfera romantika.

GLADYS Imma t-tifla t'ohti kellha ktieb ta' Snow White u fuq il-*fireplace* kien jsajru s-soppa...

KLARA MUR ARA X'GHANDEK TAGHMEL....

***GLADYS titlaq***

KLARA *(Lil CHARLIE)* L-ewwel nett int oqghod dritt.

CHARLIE Dritt kif, Mrs.?

KLARA Dritt.... dahhal zaqqek 'il gewwa, gholli geddumek 'il fuq u imxi b'dahrek qisu lasta.

CHARLIE U se jkolli noqghod hekk sa nofs il-lejl?

KLARA Quddiem in-nies. Meta tkun fl-kcina tista' toqghod kif trid. Mela, irridek toqghod mal-bieb u malli jigu l-mistednin, ifthilhom, staqsihom x'jisimhom, imbaghad idhol hawn u ghidilna min huma. Nghidu ahna: "Is-Sinjuri Ferrante!" Jew "Is-Sinjuri Pizzuto-Manara!" Fhimtni?

CHARLIE Imma Mrs, nghid jien, la darba tafu min huma, ghalfejn noqghod nghidilkom x'jisimhom?

KLARA Ghax l-affarijiet hekk imorru.

CHARLIE U noqghod b'dahri dritt u geddumi 'l fuq!

KLARA Hekk hu.

CHARLIE *(aside)* Ahjar il-Bar tal-kazin naghmel il-hobz biz-zejt u l-bigilla.

KLARA Issa int ibqa' hawn sakemm jien nara Gladys x'inhi taghmel.

CHARLIE Kollox sew Mrs... stenna... stenna.... tghidlix.... iz-zija t'ommi... Mrs. Debono!

KLARA Pisani!

CHARLIE Iva... haqq ix-xjafek. Debono kienet iz-zija l-ohra!

***KLARA tidhol 'il gewwa,***

***CHARLIE joqghod dritt hdejn il-bieb. Wara ftit minn taht il-ghajn jilmah ir-recipjent tal-karawett. Jersaq lejh u jibda jibla' Hekk kif ikun medhi tidhol fuqu GLADYS.***

GLADYS Hemm x'inti taghmel?

CHARLIE *(Jinhasad)* Hekk ghandek taghmilli biex iggenninni!! Hsibtek Mrs. Deguara.

GLADYS X'inti taghmel?

CHARLIE Dal-karawett itjeb milli kien ikollna fil-kazin. Imqaxxar u lest u nkaljat kif suppost.

GLADYS Ha nara. *(tiehu minu hija wkoll)* Hmmm... ghandek ragun.

CHARLIE Dan ma ssibx bhalu meta trid. Ahjar nimla l-but.

GLADYS Kull nhar ta' Sibt in-nanna kienet tinkalja l-karawett. Imma dejjem kienet tinsieh fuq in-nar u jigi iswed fahma... qisu kafe'. Darba tant harqitu li hadd ma ried jieklu u biex ma jinheliex kilitu kollu hi. Mietet jumejn wara!

CHARLIE Il-marelli kif battalt il-platt kollu!!

GLADYS Eh issa se twahhal fija wkoll; ilek tibla' tant, int!

CHARLIE Ara kif naghmlu: gib ftit minn dawk il-karti halli npogguhom fil-qiegh u l-karawett li fadal inpogguh fil-wicc. B'hekk il-platt jidher qisu mimli.

GLADYS Qed nghid, fejn trid int, taf thaddmu mohhok.

***Jimlew il-platt bil-karti u l-karawett fil-wicc.***

CHARLIE *(Jinduna bil-punch bowl)* Dak x'inhu?

GLADYS *(ixxommu)* X'ifuh! Inbid donnu.

CHARLIE Inbid?!! Isma' xbin, mid-dehra dan-nies ghandhom sold gmielu u missieri kien jghid: "Min m'ghandux, jghix ma' min ghandu!" *(Jimla tazza punch u jixrobha)* Ix-xjafek jitbasktu fl-infern! Kemm hu tajjeb!

GLADYS Zul lil hemm ha nara. *(Tiehu tazza hija wkoll)*. Tajjeb nghid!

CHARLIE Tghidlix li nanntek kienet taghmel bhalu....

GLADYS Le, in-nanna xi stanjata kokotina kienet taghmel. Imma hares 'l hawn, fir-rahal kollu hadd ma kien isajjarha tajjeb daqsha u darba....

CHARLIE Issa hallik mill-kokotina ta' nanntek. Ixrob ghax il-Milied darba fis-sena biss jigi. U jigi ghalina wkoll.

GLADYS Ghandu qisu toghma ta' frott. Tghid x'il-marelli xehtulu mieghu?

CHARLIE Aghlaq halqek u ixrob.

GLADYS Kif tridni naghlaq halqi u nixrob? Tafx li ga qed inhossu jistordini?

CHARLIE Donnu hu daqsxejn qawwi. Jien qed nara kollox imzelleg.

GLADYS Il-marelli kemm xrobna minnu. Issa zgur se jindunaw jekk jarawh nofsu vojt. X'se naghmlu?

CHARLIE Tassew! Jekk jindunaw ikeccuna 'l barra u addio paga.

GLADYS Ara Charlie... hemm dik il-vaska bil-hut.

CHARLIE M'hawnx ghalik. Wara kollox ma jimpurtax bili nzidulu ftit ilma daqskemm hu qawwi. Ejja tini daqqa t'id.

***Imorru jgibu l-vaska bil-hut u jferrghu l-ilma fil-punch bowl.***

CHARLIE Bil-mod... Gladys... bil-mod. Ghidtlek BIL-MOD.

GLADYS Il-marelli xi gralna! Waqghet huta.

KLARA *(Minn gewwa)* Gladys.... Charlie... fejn intom.

***CHARLIE jiddritta b'geddumu 'l fuq; waqt li GLADYS tinfexx tfarfar is-sufan.***

CHARLIE Hawn ahna Mrs Panzavecchia. X'ghandek bzonn?

***Tidhol KLARA***

KLARA — Iridkom tirrangaw ir-rigali taht is-sigra.

GLADYS — Fejn qeghdin Mrs?

KLARA — *(Lil Charlie)* Inti mur gib dawk li hemm taht it-tarag, u int *(lil Gladys)* mur gib li hemm fil-kamra ta' l-ikel. U haffu ghax il-mistednin daqt jibdew jaslu.

***KLARA u GLADYS jitilqu lejn naha wahda, waqt li CHARLIE jmur lejn in-naha l-ohra.***

***MUZIKA. Wara ftit jidhlu CHARLIE u GLADYS mghobbijin rigali sa rashom. Jibqghu dehlin f'xulxin u r-rigali jispiccaw kolha fl-art.***

GLADYS — Kemm int bla grazzja. Mela ghajnejk mhux f'wiccek?

CHARLIE — Dazgur li f'wicci! Imma kienu mghottijin.

GLADYS — Nispera li ma nkiser xejn.

CHARLIE — Ara x'gara, il-biljetti li kien hemm mar-rigali nqalghu. Issa min jaf liema hu ta' min.

KLARA — *(Minn gewwa)* Charlie... Gladys...

GLADYS — Haffef, poggi l-biljetti fejn gie gie, issa li hemm hemm. Mhux xorta nghid jien. Ghandhom xorti se jkollhom rigal!

***Ipoggu l-biljetti mar-riagli bl-addocc u jqieghdu kollox taht is-sigra, Malli jlestu JCEMPEL il-bieb.***

***Minn naha wahda jidhlu KLARA, ANTON, ALBERT u MELISSA***

KLARA — Waslu, waslu. Gadys, inti mur fil-kcina u inti, Charlie mur iftah u ftakar x'ghidtlek. Staqsihom x'isimhom. Mur.

***Charlie jmur jiftah***

KLARA — *(lil uliedha)* U intom oqoghdu smart. *(lil Anton)* U inti wkoll tafx. Nuruhom li ahna *high-class* daqshom.

***Minn barra jinstemghu dawn l-ilhna:***

CHARLIE — Jekk ma tghidlix x'ismek minix se nhallik tidhol.

KARMENA — U zul lil hemm li ma nghidlekx. Mela fid-dar tal-kugina hemm bzonn noqghod nghidlek x'jisimni!?

CHARLIE — Imma lili Mrs Pavia hekk qaltli.

***Jidhol CHARLIE miexi b'lura waqt li KARMENA qed timbuttah bil-herra. F'idha KARMENA ghandha kejk mghotti b'xi karta. MANDY u FREDDIE warajha.***

CHARLIE — Sinjura, ma tridx tghidli x'jisimha!

KARMENA — *(lil CHARLIE)* Jekk se tghid kelma ohra se llibbislek dal-kejk go rasek. *(lil KLARA)* Dan l-iskamplu mnejn sibtuh?

KLARA — Kollox sew Charlie. Lil dawn tista' thallihom jghaddu. Jiena ghall-mistednin specjali kont qed nghidlek. Erga' mur oqghod hdejn il-bieb.

CHARLIE — Jien fejn naf min hu specjali u min hu komuni!

***CHARLIE jmur joqghod dritt qisu lesta.***

ANTON — Kif inti, Karmena, kollox sew? Il-Milied it-tajjeb.

KARMENA — Lilkom ukoll.

ANTON — *(lit-tfal ta' Karmena)* Intom kif intom; OK? *(lil uliedu)* Ghidulhom "Il-Milied it-tajjeb" lil Freddie u 'l Mandy

**ALBERT u MELISSA** — *(Kontra qalbhom)* Il-Milied it-tajjeb.

**FREDDIE u MANDY** — Lilkom ukoll.

KARMENA — Hawn ara gibtilkom xi haga zghira. Ghadu jikwi tafx, ghax mhux zgur ili nofs siegha li hrigtu mill-forn. Inharaqli ftit.

FREDDIE — U zokkor ma kellniex bizzejjed.

MANDY — U lanqas bajd.

FREDDIE — Imma gie tajjeb xorta wahda, ghax jien ga naqqart ftit minnu.

KARMENA — *(lil Freddie)* Int aghlaq halqek ghax infarraklek snienek. *(lil MELISSA)* Hawn ha Melissa, mur hudu fil-kcina.

***MELISSA tkun se tiehu l-kejk, imma KLARA twaqqafha.***

KLARA — Mhux int ruhi. Glayds... Gladys...

***Tidhol GLADYS***

GLADYS — Hawn Mrs, hi, x'inqala'?

KLARA Hu dal-kejk li gabet Karmena u poggih xi mkien fil-kcina.... imwarrab.

KARMENA Prosit hej; kemm intom organizzati qed nghid. Bl-ghassa mal-bieb, bil-fattiga!

ANTON Ghax illum se jkollna mistednin specjali; neguzjanti famuzi.

KARMENA Hekk jixraq hux; intom tafu hafna rjus kbar.

KLARA Hekk hu. U taf x'kont qed nghid. Ara Karmena, inti u tfal ahjar tpoggu ftit hawn ara *(turiha siggijiet fil-genb)* ghax taf inti, ahna nkunu qed nitkellmu dwar suggetti li lilek ma jinteressawkx.

KARMENA Ghalina toqoghdux thabblu raskom.

FREDDIE Ma jien ghandi l-guh.

MANDY Anki jien.

KARMENA Isktu ghax se nhabbatkom ras ma' ras. Issa la jkun il-waqt tieklu.

***ICEMPEL IL-BIEB.***

KLARA Issa waslu zgur. Charlie mur iftah.

FREDDIE *(lil KARMENA)* Ma, ghandhom il-karawett.

KARMENA Jekk tghid kelma ohra ntemmaghhulek kollu minn widintek.

CHARLIE *(Jannunzja)* Is-Sur u s-Sinjura "Ferra' t-Te"

KLARA *(Tmur tigri fuqu)* Ferrante, ja mbecilli.

***JIDHLU MR. and MRS. FERRANTE.***
***Klara tmur tigri fuqhom. Bews u tghanniq.***

KLARA Hellooow Mrs Ferrante. Happy Christmas. Mr. Ferrante.

MR. FERR. Kif inti Anton? Ghall-erwieh hawn gew x'daqsxejn shana ghandkom.

MRS. FERR Yes... tassew; it's really freezing outside.

KLARA Dawn it-tfal taghna, ara. Dan Albert.

MRS. FERR Hello dear....

KLARA U din Melissa...

MRS. FERR — How charming.

ANTON — Tridu tinzghu l-kowtijiet?

MR. FERR — Ahjar... ghax tassew shana hawn gew.

KLARA — *(lil CHARLIE)* Butler.... ejja hudilhom il-kowtijiet.

***CHARLIE ma jindunax li qed issejjahlu u jibqa' dritt fejn ikun.***

KLARA — Butler!!!

CHARLIE — Lili qed tghid Mrs Falzon?

KLARA — Iva... ejja haffef. Hudilhom il-kowtijiet.

***FERRANTE jinzghu l-kowtijiet, xi xall, kappell ecc u jaghtuhom lil CHARLIE. Dan ma jafx kif se jzomm kollox.***

MRS. FERR — You've got a charming place here.

KLARA — Poggu bil-qieghda.. poggu...

***CHARLIE jwaqqa' kollox ma' l-art.***

CHARLIE — Skuzawni, imma jien zewg idejn ghandi.

MRS. FERR — Oh my coat! X'wahda din, we bought it from Paris last October.

CHARLIE — *(lil Mrs Ferrante)* Tinkwetax Mrs., issa nfarfarhulek ftit. Iz-zija t'ommi kellha wiehed bhalu; konna baghtnieh lil dawk tat-terremot!

***CHARLIE jigbor kollox u jidhol 'l gewwa bihom.***

KLARA — Dawn is-sefturi kollhom inkwiet.

MRS. FERR — Oh dear... don't tell me!

***MR. FERRANTE jintebah b'KARMENA u wliedha.***

MR. FERR — Dawn min huma?

ANTON — Din il-kugina tal-mara, Karmena Tabone, armla. U dawn it-tfal taghha.

***MR. FERRANTE johdilha b'idha.***

MR. FERR — Ghandi pjacir Sinjura Karmena. Il-Milied it-tajjeb.

KARMENA Lilek ukoll Mr. U din Mandy ara. U dan Albert.

ALBERT Meta se jaghtuna l-karawett, Ma?

KARMENA Nahseb li meta jaghtuhulna mhux se jkollok snien biex tieklu.

ANTON *(ikun se jnewwel il-platt tal-karawett)* Hawn ha... hudu ftit karawett.

KLARA *(twaqqfu)* Anton! Gladys. *(Gladys tidhol tigri)* Servi l-karawett.

***GLADYS isserevi l-karawett lil kulhadd. L-ahhar li taghti jkun lil Mrs. Ferrante u din flok karawett ittella' bicca karta.***

MRS. FERR I tkink you've run out of peanuts!

KLARA Fejn mar dak il-karawett kolu li kien hawn.

ALBERT *(juri lil Freddie)* Zgur kielu dak.

KARMENA *(lil Freddie, irrabjata)* X'ghamilt ja xifajk?

FREDDIE Le Ma, ma hadtx karwett jien. Mhux hdejk il-hin kollu kont.

MANDY Sewwa qed jghid Ma. Lanqas biss resaq lejh.

MRS FERR Never mind. I don't really like peanuts that much.

***ICEMPEL IL-BIEB***

KLARA Butler... mur ara min gie.

CHARLIE Lili qed tghid, Mrs?

KLARA Dazgur li lilek qed nghid, Bulter. Mela lil min?

CHARLIE Jien Charlie tal-Karrakka jghiduli. Gejja bil-Butter!

***Imur jiftah.***

MRS FERR He's so arrogant!

KLARA Ghalxejn tipprova tghallimhom. Stupidi wisq!

CHARLIE *(Jannunzja)* Mr and Mrs Pizza Marinara!

KLARA *(lil CHARLIE, irranjata)* Pizzuto-Manara!

***Jidhlu MR u MRS. PIZZUTO-MANARA***

***Kulhadd iqum johdilhom b'idejhom. Bews u tghanniq bhal qabel.***

KLARA — Butler, hudilhom il-kowtijiet. *(minn taht, lil CHARLIE)* U jekk twaqqa' xi haga nnaqqaslek hames liri mill-paga.

CHARLIE — U mhux huma, Mrs., dal-kowtijiet kollha. Lanqas li konna n-North Pole!

***CHARLIE johdilhom il-kowtijiet u jidhol gewwa bihom***

ANTON — Issa li ngabar kulhadd jaqbel inbillu ftit grizmejna, xi tghidu.

KLARA — Ghandna *punch* tassew tajjeb. Ricetta antika.

***Kulhadd iqum biex jiehu l-punch***

MR FERR — Eh, m'hawnx ghalikom. Ghalija l-Milied mhu xejn minghajr tazza *punch*.

ANTON — L-istess bhalma ghalija l-Milied mhu xejn minghajr il-murtaletti.

MR PIZZUTO — Bqajt dilettant hux int?

ANTON — Eh, dik tradizzjoni tal-familja taghna. Ghax in-nannu kien itella' l-murtaletti...

KLARA — *(Aside)* Hallik mill-imgharrqin murtaletti. Kompli maghhom...

ANTON — Ersqu... ersqu.... ha nnewlilkom tazza.

MRS FERR — *(Aside...lil zewgha, bit-tazza f'idha)* What's this punch!? Toghma ta' ilma.

MR FERR — Tassew! M'hemmx cans nehlu jekk jaghmlulna l-Breathilizer test.

KLARA — *(Aside... lil Anton)* Dan toghma t'ilma! Kif jista' jkun?

***MR PIZZUTO jinstama' jixraq, jisghol u jzomm sidru.***

MRS PIZZUTO — Xi gralek, Henry? X'wahda din... ara kif sar ahmar nar!

KARMENA — Tuh daqqtejn fuq il-kozz t'ghonqu. Hekk ara... halluh f'idejja.

ANTON — Tghid xeraq bil-karawett?

MRS PIZZUTO — X'karawett hu? Dak lanqas mess wahda.

***Pandemonju shih. Mr. Pizzuto jisghol u jghajjat u jzomm sidru. Karmena taghtih fuq il-kozz t'ghonqu. Sa fl-ahhar johrog huta minn halqu.***

MRS PIZZUTO Din x'inhi...??

MR PIZZUTO Blajt huta.... kienet hemm... gol-punch!

MRS FERRANTE Oh... how very disgusting!!!

KLARA Dik kif sabet ruhha fil-*punch* ?

ALBERT *(jipponta sebghu lejn Freddie)* Zgur xehitha dak.

MELISSA Iva jien rajtu jhares lejn il-vaska tal-hut.

FREDDIR Isss... mela billi harist lejha, fiha xi haga.

KARMENA Ara ma nkunx naf li qed tigdibli tafx.

FREDDIE Le Ma, jien mhux hdejk kont? X'hin ridtni mmissha?

ANTON *(lil Mr Pizzuto)* Tridx ingiblek tazza ilma.

MR PIZZUTO Le nahseb xrobt ilma bizejjed ghal-lum.

***Minn gewwa tinstama' GLADYS twerzaq. Wara ftit tohrog tigri mwerwra.***

GLADYS Dahal il-kelb. Ajma x'qatgha tani!!

KLARA M'ghidilkomx jien biex ma tifthux il-bieb tal-bitha???

GLADYS Charlie hareg fil-bitha biex ipejjep sigarett u zgiccalu 'l gewwa.

CHARLIE *(minn gewwa)* Ghassa 'l barra suq. *(Inbih ta' kelb)* Ara... hataf il-kejk! Dan donnu ilu xi xahar ma jiekol. Issa sew... dahal il-qattus ukoll.*(Mjaww-mjaww)* Kixxi 'l hemm, kixxi.

CHARLIE *(jitfacca minn gewwa)* Dak ix-xifajk ta' qattus hataf bicca mid-dundjan.

***ICEMPEL IL-BIEB.***

KLARA Hallu kollox f'idejja. Butler mur ara min gie. *(Titlaq lejn il-kcina)*

CHARLIE Dawk it-tnejn hemm gew, bejniethom ghandhom festa. *(Jitlaq jara min gie)*

GLADYS — Jien qabel tohorgu dak il-kelb 'l barra ma nidholx fil-kcina.

KARMENA — Tridx immur jien nilaghbilhom xebgha xkupa?

ANTON — Oqghod hemm Karm, issa Klara tiehu hsiebhom hi.

KLARA — *(minn gewwa)* Ara ja mgharraq li hu dundjan kif irvinah!

CHARLIE — *(minn gewwa)* Jekk ma tghidlix ismek, ma ndahhlekx. Dawk huma l-ordnijiet tieghi.

XMAS FATHER — Mela mintix tarani, min jien. Father Christmas.

CHARLIE — Imma dak mhux ismek tassew. Irrid naf min inti?

XMAS FATHER — Warrab min-nofs ghax insabbtek mal-hajt.

***Jidhol XMAS FATHER(bi xkora wara dahru) u b'CHARLIE warajh.***

XMAS FATHER — Ho-ho-ho... il-Milied it-tajjeb lil kulhadd. Hawn huwa, wasal il-hin meta Father Cristmas iqassam ir-rigali tieghu. Ghandna rigal; ghal kulhadd. Fejn hija Mrs. Pisani?

KLARA — *(tigi tigri minn gewwa)* Sa fl-ahhar, wasal Fasther Christmas! Ersqu ersqu... halli nqassmu r-rigali.

XMAS FATHER — Issa kulhadd irid jobdi r-regola ta' Father Christmas. L-ewwel inqassam ir-rigali kollha, imbaghad kulhadd jiftahhom flimkien. Fhimtu hux? Mela *(b'lehen gholi jibda jsejjah lin-nies u jqassmilhom ir-rigali. Kulhadd jiffolla madwaru, l-aktar FREDDIE u MANDY)*

Mrs Ferrante. Mr. Ferrante. Mr. Anton Pisani. Mrs Klara Pisani. Karmena Tabone. Melissa Pisani. Albert Pisani. Mrs Pizzuto-Manara. Mr Pizzuto Manara. Mandy Tabone u fl-ahhar mill-ahhar... Freddie Tabone.

U issa Father Christmas se jkompli fuq xoghlu ghax tafu intom, fil-lejl tal-Milied inkun irrid indur id-dinja. Ho-ho-ho... il-Milied it-tajjeb lil kulhadd.

***XMAS FATHER jitlaq 'l barra.***

ANTON — Mela issa nistghu nifthu r-rigali kollha. Qed nghid, messni tajt xi zewg murtaletti bhal issa. OK... wiehed, tnejn tlieta !

***Kulhadd jiftah il-kaxxi tar-rigal.***

MR FERR Din... din jaqaw xi cajta taghkom Sur Anton. Din-*nightdress* x'nambiha.

MRS FERR And how about this pipe??? Is this your idea of Christmas presents.

KLARA X'wahda din! Skuzawna... hawn xi hadd hawwad kollox!

MR PIZZUTO Eh iva??? U dan x'jahbat? Mini-skirt ghalija?

MRS PIZZUTO U dil-kaxxa crayons ghalija?? Henry, dan issa izzejjed. Hudni lejn id-dar.

MRS FERR Yes... I've never met such a bunch of crazy people!

MR FERR Tistednuna biex tinsultawna Newlulna l-kowtijiet ha mmorru.

MRS FERR Never mind our coats. Issa our Butler jigi ghalihom. He KNOWS how to take care of them.

***MR u MRS FERRANTE JITILQU***

MRS PIZZUTO Lanqas li kont ghadni mmur il-Kindergarten. Kaxxa crayons!

MR PIZZUTO Imxi tlaqna.

CHARLIE Ha ngibilkom il-kowtijiet.

MR PIZZUTO Imbaghad nibaghtu ghalihom aktar tard. Sahha.

CHARLIE OK, grazzi... bicca xoghol inqas!

***MR u MRS PIZZUTO jitilqu 'l barra.***

***CHARLIE u GLADYS jitilqu lejn il-kcina. KLARA tinfexx tibki.***

KLARA Nixtieq l-art tiblaghni!

KARMENA *(tmur fuq ANTON b'basket tal-gilda f'dha)* Grazzi tafx ta' dar-rigal. Ma kontx qed nistenna rigal sabih daqshekk.

MANDY Ara Ma.... kemm hi sabiha! Kaxxa make-up!

KLARA *(irrabjata)* Dak il-basket mhux ghalik kellu jkun. Dak ghal Mrs Pizzuto-Manara.

MELISSA U dak il-make-up il-mama' xtratu ghalija.

| | |
|---|---|
| KLARA | Xi hadd hawwad kollox apposta... biex javvelina quddiem kulhadd. |
| KARMENA | *(taghtiha lura l-basket)* Mela jekk ma kienx ghalija tistghu zommuh. *(Tiehu l-kaxxa minn id Mandy u taghtihielha wkoll)* U zomm din ukoll. Ma rridu xejn li mhux taghna. U nahseb ahna jaqbel li mmorru wkoll lura d-dar u nieklu bukkun bil-kwiet. |
| FREDDIE | *(izomm f'idu l-qalziet imraqqa' li KLARA kienet tat lit-tallab)* Ma... ara l-Father Christams x'tani lili.... qalziet imraqqa'. |
| KLARA | Dak mnejn gie?? |
| FREDDIE | Tahuli Father Christmas. |
| KLARA | Tahulek Father Christmas? |
| MANDY | Ara ma... hawn karta mehmuza mieghu. |
| KARMENA | *(tiehu l-qalziet f'idha u taqra l-karta)* "Fittex fil-but tal-lemin. Il-Milied it-Tajjeb." |
| FREDDIE | *(Jahtaf il-qalziet minn id ommu u jfittex fil-but tax-xellug)* Hawn m'hawn xejn, Ma. |
| KARMENA | Giezu-Giez lanqas taf taghraf ix-xellug mil-lemin. Hawn ha ... dan hu l-lemin. *(tohrog envelop li fih ikun hemm ittra u cekk mehmuz maghha. Tibda taqra l-ittra:)*<br><br>"Ghaziza Karmena,<br>Ftit ilu xi hadd talabni nisilfu ghaxart elef lira. Jien ghidtlu li flusi jien lest naghtihom lil min l-aktar ikun jisthoqqlu. Ma' din l-ittra ghandek issib cekk ta' ghaxart elef lira... mhux b'self, imma ghalik u ghat-tfal bhala rigal minghandi. U dan il-qalziet tista' taghtih lura lil min tahuli. Il-Milied it-Tajjeb. Iz-ziju Gorg!" |
| MANDY | Ara Ma ... tassew! Hawn cekk ta' ghaxart elef lira f'isem Karemna Tabone. |
| KLARA | X'wahda din... iz-ziju Gorg! Mela dak it-tallab kien hu! |
| ANTON | U nahseb li anki l-Father Christmas... kien iz-ziju Gorg ukoll. |
| KLARA | Kollu tort taghna kull ma gara. |
| KARMENA | Ghaxart elef lira! Lanqas naf x'naqbad naghmel bihom. Isma'... jekk tridu nisilfuhomlkom ghan-negozju.. |
| ANTON | Le... Karm, dawk iz-ziju Gorg tahom lilkom. Dawk ghalik u ghat-tfal. |

KLARA U l-basket tal-gilda zommu wkoll. Qed naghtihulek minn qalbi. Nahseb li wara kollox, iz-ziju Gorg ghandu ragun. Jaf x'inhu jaghmel aktar minna.

***Tidhol GLADYS***

GLADYS Mrs, il-hatab spicca u n-nar tal-*fireplace* ghoddu ntefa. M'hemmx affarijiet aktar x'naharqu.

CHARLIE *(jidhol jigri)* OK, OK... kollox sew. Sibt kaxxa tal-kartun il-bitha, b'salib ahmar fuqha. Xhittha fin-nar.

ANTON X'inhu??? IL-MURTALETTI !

***Kulhadd isodd widejh.***

***SPLUZJONI, duhhan u tpetpit ta' dawl.***

============= SEPARJU ==============